MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Numru. 335/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**VS**
**MARTIN DEBONO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Martin Debono, ta’ 44 sena mwieled Pieta’ fis- 17 ta’ Dicembru 1966 bin Carmelo u Carmen nee’ Camilleri u residenti 99, Toby, Triq Mandolina, Birzebbuga. Detentur tal-Karta ta’ l-identita Nru 12567(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar is-26 ta’ Settembru 2011 ghall-habta tal- hamsa neqsin kwart ta’ filghodu (4.45 a.m) u fil-hinijiet ta’ qabel gewwa c-*Chapters bar*, f’Misrah Mifsud Bonnici, f’Marsascala u fi nhawi ohra f’dawn il-gzejjer Maltin:-

Talli kiser il-liberta providenza billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti Kriminali ta' Malta, Imhallef Dr.L.Quintano LL.D fid-digriet tieghu datata 22 ta' Frar 2011 u l-Imhallef Dr.M.Mallia LL.D tas-26 'Awwissu 2011

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tal- prosekuzzjoni jirrizulta illi fis- 26 ta Settembru 2011 fit- tlieta ta filghodu, l-imputat Martin Debono kien osservat fic-*Chapters Bar* Marsascala minn zewg membri tal- Pulizija, Surgent u Kuntistabbli, li kienu marru jaghmlu inspezzjoni fuq dan il- *bar*. Aktar tard u cioe ghall-habta tal- 4:45am kien gie attivat l-*alarm* tar-*restaurant* il- Grabiel, fejn is-Surgent 1181 kien rega osserva lil Martin Debono isuq karozza *Kia* blu, numru tar-registrazzjoni CEL 212.

Spettur Taliana informa lil Qorti illi PS1181 ma kienx jaf bil-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja tal-imputat Debono, hlief wara illi tkellem mal-Ispettur Fleri.

Spettur Taliana ezebixxa zewg digrieti tal-liberta provizorja u l-kundizzjonijiet annessi datati 22 ta' Frar 2011 mill- Imhallef Laurence Quintano u 26 ta Awissu 2011 ezebiti bhala Dok ET1 u ET2.

Spettur Taliana ikkonferma li l-karozza CEL 212 kienet propjeta ta' Aloysia Debono, cioe oht l-imputat (ara Dok ET3.)

Spettur Taliana arresta lil imputat Martin Debono, li irrifjuta li jikkonsulta ma Avukat (ara Dok ET4) u stqarr illi kien veru li kien barra fis-1:00am ta' filghodu fic-*Chapters bar* minn fejn mar jixtri pakkett ta sigaretti il-ghaliex kien halla il-pakket warajh fuq il-post tax-xoghol. Huwa stqarr illi ma damx fic-*Chapters bar* " ***kemm xtrajt u hrixt"*** waqt li Michelle Mizzi qaghdet fil- karozza (ara stqarrija ET4). L-imputat stqarr illi ma kienx veru ili kien qieghed fil-karozza CEL212 sal-4:45 am.

Id-digriet Dok ET1 jesigi hinijiet tal- inkazar sat-tmienja ta' filghaxija. Waqt li t-tieni digriet ET 2 awtorizza lil imputat " **ghall fini ta xoghol tieghu,**" jirrinkaza ruhu sal- 1:30 am; u aktar tard fil-granet tal-festi **"basta dan ikun maghruf lill- Pulizija".**

PS 1953 Alfred Cachia kkonferma illi ra lill-imputat fit-3:00am fejn ic-*Chapters bar* fid- data indikata fl-akkuza u gharaf l-imputat . PS 1953 xhed li kien mar jaghmel inspezzjoni fuq muzika emanenti mic-*Chapers bar* u pprezenza l-okkorrenza Dok PS.

Pc 196 Samuel Veneziani ikkonferma x-xhieda ta Pc 1953, gharaf l-imputat u ikkonferma li l-imputat ma ipprovax jevitah.

PS1181 ikkonferma x-xhieda ta Spettur Elton Taliana, fis-sens li ghamel spezzjoni fic-*Chapter bar*, fit- 3:00 am, fejn osserva lil imputat fejn il-*bar* u rega rah fil-4:45 am go karozza CEL 212 fejn il-*parking area* tal- Grabiel Restaurant. Fil-karozza kien hemm zewg persuni tas-sess femminili.

PC1321 ezebixxa Dok H kopja tal- *Bail Book* illi fiha l-imputat Martin Debono iffirma b'mod normali izda ma infurmax lil Pulizija illi kien ser jibqa jahdem fil- *bar* aktar tard mis- 1:30am. Illi ghaldaqstant PC1321 ma nizzilx notament bhal dawk li saru fil-gurnata ta' 8 ta Settembru, 2011.

PC 606 Magro ikkonferma l-istqarrija tal- imputat.

L-imputat fix-xhieda tieghu ikkonferma il-hinijiet tar-rinkazar skond il-kondizzjonijiet tal-liberta provvizorja tieghu. Huwa xhed li kien jahdem is-*Social Club* ta’ Haz-Zabbar mal- imghallem tiehgu John Mallan. L-imputat isostna li dak inhar kienet il- festa ta San Mikiel u li ghalhekk fil-fatt kien spicca mix-xoghol ghal habta tas-2:30 am u 2:45am. Illi fil-fatt is- Supretendent Bartolo kien rah jahdem fil-*Bar* dak il-lejl stess.

Illi wara li ghalqu l- hanut, hu u Michelle rikbu fil-karozza biex imorru lejn id-dar u hemm induna li halla pakkett sigaretti fis-*Social Club*, nizel sac -*Chapters bar* biex jixtri pakkett tas-sigaretti. Illi fil-fatt waqt li kien hemmhekk dahlu il-Pulizija biex jaghmlu spezzjoni.

L-imputat iddikjara illi meta mar jiffirma l-ghassa huwa kien qal lil Pulizija li kien ser jittardja il ghaliex kienet il-festa ta’ San Mikiel. Ma setax jghid kemm il-darba il-kuntistabbli ghamilx notament fil-*Bail Book*. L-imputat baqa jishaq li ma kienx vera li kien qaghad barra fejn ic-*Chapters Bar* fil- karozza CEL 212.

John Mallan ikkonferma illi huwa kien jiggestixxi hanut tax-xorb bl-isem ta’ *Social Club* u kien jinpjega lil imputat. Ikkonferma ukoll li dak in nhar kienet il-festa ta San Mikiel, li l-imputat kien xoghol mieghu; li ghalaq il-hanut ghan-nies fis- saghtejn ta filghodu; li baqghu fuq gewwa biex jahslu u jippreparaw ghall-ghada sat – 3:00am.

Michelle Mizzi, l-*partner* tal-imputat, ikkonfermat li fil-festa ta’ San Mikiel hija kienet fil-*bar Social Club* mal-imputat sa xi saghtejn ta filghodu. Illi meta kienu sejrin lejn id-dar, l-imputat kellu jixtri pakkett sigaretti u nizlu sac-*Chapters Bar* u wara ftit mumenti gew il-Pulizija u forsi ghamlu kwarta kollox f’dan il-*bar*.

Michelle Mizzi innegat illi damu f’dan il-*bar* jew fl-inhawi ta’ Wied il-Ghajn sa 4:45am u ikkonfermat illi kienu bil-karozza CEL 212.

Supretendent Bartolo ikkonferma illi fil-festa ta’ San Mikiel huwa ra lill-imputat jahdem fis-*Social Club* ta’ Haz-Zabbar u li peress din kienet festa sekondarja l-marc spicca ghal habta ta xil- 11:15 pm u li hu telaq ghal habta ta xil-11:00 pm meta s-*Social Club* kien diga beda jnaddaf il-kazin.

Supretendent Bartolo innega li l-imputat infurmah li kien se jittardja fuq il-post tax-xoghol aktar mis-1:30 il-ghaliex kienet festa.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba a konjizzjoni ta’  din il-Qorti jirrizulta b’mod evidenti illi d-digriet originali tal- ghotja tal-helsien mill-arrest Dok ET1, gie varjat bid- digriet Dok ET2 tat- 26 t’ Awissu 2011 li jghid is-segwenti :

**“Tilqa t-talba tawtorizza lir-rikorrenti li ghal fini tax-xoghol tieghu ikun jista jirrinkaza ruhu d-dar fis-1:30 am u fil-grantet tal-festi indikati aktar tard minn hekk basta dan ikun maghruf lil Pulizija.”**

Illi minn dan id-digriet johrog car illi fil-granet ta’ festi u sakemm l-imputat ikun qieghed ix-xoghol u cioe fil-hanut *Social Club* Zabbar, l-imputat seta jirrinkaza ferm aktar tard mis-1:30am. **basta dan ikun maghruf lil Pulizija.**

Illi l-imputat jallega li kien informa lil Pulizija meta iffirma pero ma nnutax lil kuntistabbli jaghmel notament ta dan. Il- kuntistabbli jinnega dan.

Il- punt in kwistjoni hu jekk dan l-istat ta fatt **kienx maghruf lil Pulizija** u jirrizulta **ampjament** illi il- Pulizija kienu jafu li kienet festa **u li raw lil l-imputat jahdem fis-Social Club dak il-lejl**.

Illi ghalkemm is- Supretendent Bartolo xhed li ghall- habta tal- 11:00pm il- marc kien kwazi spicca, peress li l-istess Supretendent **telaq minn fuq il-post**, din il-Qorti m’ghandix prova konkreta ta il-hin preciz li fih ghalaq is-

*Social Club* u ghandha zewg xhieda in difiza li jaffermaw li l- *Club* ghalaq bejn is- 2:00am u 2:45am.

**L-imputat gie misjub fic-*Chapters bar* fit- 3:00am minn fejn xtara pakkett tas-sigaretti.**

Sa dan il-punt din il- Qorti ma tistax ticcensura lill-imputat. Huwa minn dan il-punt il-quddiem illi l-agir tal-imputat huwa censurabbli.Dan qieghed jinghad il-ghaliex wara l-ewwel inspezzjoni tal- Pulizija fit-3:00am, fejn gie notat li l-imputat mill-Pulizija, minflok dahal f' qoxortu u mar id-dar l-imputat **ghazel illi jibqa barra sal – 4:45am ma Michelle Mizzi**. Ix-xhieda ta Michelle Mizzi mhux ta minn wiehed jistrieh fuqha. Dan qieghed jinghad il ghaliex Mizzi kienet afflitta minn biza' palpabbli waqt li kienet fil-pedana tax-xhieda.

Illi ghaldaqstant il- Qorti taghraf illi x-xhieda dettaljata u akkordata tal- prosekuzzjoni, bil- *particulars* tal-karozza li kien qieghed isuq l-imputat, hija xhieda viritiera u ghandha mis-sewwa.

Illi din il-Qorti tqis illi l-kundizzjonijiet kollha tal-liberta provizzorja ta' l-imputat ghandhom jigu osservati skruplozament u li n-non–osservanza ta dawn il-kundizzjonijiet tammonta ghal sfida lil istess Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Il- Qorti trid tqis ukoll pero illi l- violazzjoni tal- hin tal- inkazar, minghajr aktar, hija l-ksur l-anqas gravi fost il-kondizzjonijiet kollha li soltu ikunu imposti mal-ghotja tal-helsien mill–arrest. Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l- kaz jimmerita l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni moghtija lilha permezz tal-proviso tal-Artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 u taghraf illi l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 japplika b'mod aktar xieraq ghac-cirkostanzi tal-kaz in ezami.

Ghal dawn il-mottivi l- Qorti issib l-imputat hati skond l-akkuza limitatament ghal reat kontemplat fl-Artikolu 579 (2) Kapitolu 9 u ghaldaqstant tikkundanna lil imputat ihallas multa ta (€ 500) hames mitt euro u s-somom

indikati fid-dipozitu u garanzija personali m'ghandhomx jigu konfiskati favur il-Gvern. Din il- multa ghandha tithallas fi zmien xahrejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------